# Ġwanni M.Camilleri
# IR-RABA' ISQOF TA' GĦAWDEX

Fr. Joe Bezzina

Giovanni twieled il-Belt Valletta fil-15 ta' Marzu, 1843, minn Ġużeppi u Karmela neè Borg u kien mgħammed 'l-għada fil-Parroċċa ta' Portu Salvu. Il-ġenituri tiegħu għamlu ħilithom kollha biex irabbu 'l-Ġovanni bħala nisrani mill-aħjar. Meta beda jitfarfar kien imur jgħin il-quddies u kien dejjem minn ta' l-ewwel biex jakkumpanja l-Vjatku.

## Il-Vokazzjoni

Ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu għand il-Patrijiet dumnikani l-Belt. Kien tifel għaqli u bieżel dejjem mehdi fl-istudji. Iżda qatt ma naqas mid-dmirijiet tiegħu ta' nisrani u kien jisma l-quddies ta' kuljum. Ma damx ma beda jħoss il-vokazzjoni tiegħu saċerdotali u wara ħsieb fit-tul mar talab lill-patrijiet ta' Sant' Wistin biex jaċċettawh magħhom.

Nhar id-29 ta' Lulju, 1861, libes il-libsa bajda ta' reliġjuż u għamel il-professjoni tal-voti solenni, wara li għadda s-snin tal-prova, nhar l-1 ta' Ottubru, 1865. Kien ikkonsagrat saċerdot tal-Mulej mill-Arċisqof ta' Malta, l-Agostinjan Għawdxi Gaetano Pace Forno, nhar il-21 ta' Diċembru, 1867.

## Patri

Bħala saċerdot kien ta' eżempju lill-oħrajn: għalkemm bravu, dejjem umli, ubbidjenti għar-regola Agostinjana u għas-Superjuri tiegħu f'kollox. Peress li kien ukoll studjuż kbir, l-Agostinjani bagħtuh ikompli l-istudji tiegħu f'Ruma. Issokkta jispjeċċjalizza fil-filosofija u fit-Tejoloġija u fl-1870 għamel l-eżami ta' Lettur. Dritt wara beda jgħallem l-istudenti Agostinjani fil-Kuleġġ ta' Braċċiano qrib Ruma. Kien Lettur tat-Tejoloġija Dommatika u Morali. Fl-1873, beda igħallem l-Agostinjani ir-Rabat, Malta. Fl-1875 sar Reġġent tal-Istudji.

Fid-29 ta' April, 1880, ħa l-lawrja ta' Majjistru tat-Tejoloġija. Ftit jiem qabel, fis-17 ta' April, kien intgħażel Provinċial tal-Agostinjani f'Malta. Kien ukoll Rettur tal-Iskola tal-Agostinjani.

F'April 1884, nħatar Professur tat-Tejoloġija Morali fil-Kulleġġ Internazzjonali Santa Monika, Ruma. Hawn inħatar ukoll Konsultur tas-Sagra Kongregazzjoni tal-Isqfijiet u r-Regulari.

niket u t-talbiet tagħhom. Kien verament il-missier tal-Kleru.

## Isqof

Il-Papa Ljun XIII ħatru Isqof ta' Għawdex nhar il-11 ta' Frar, 1889. Kien ikkonsagrat fil-Knisja ta' Sant' Wistin, Ruma, mill-Kardinal Mariano Rampolla del Tindaro nhar l-24 ta' l-istess xahar. Nhar il-Lunżjata wasal Għawdex u ngħata dimostrazzjoni mill-isbaħ mix-Xatt sal-Katidral. Nhar it-12 ta' Mejju, 1889, għamel l-Ingress solenni tiegħu fuq id-debba fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex.

Dlonk beda l-ħidma tiegħu pastorali bil-kelma u bl-eżempju. Billi qabel kien għadu qatt ma ġie Għawdex hu xtaq jaf il-poplu fdat f'idejh iktar mill-qrib. Fetaħ il-Palazz għal kulħadd u f'kull ħin: saċerdoti u fidili ma naqsu qatt iħabbtulu l-bieb, min għal parir, min għal pjaċir, min għal għajnuna u mitt ħaġa oħra.

L-ewwel ħsieb tiegħu kien fis-Seminarju. Għamel diversi riformi fl-istudji u fil-ħajja seminaristika. Dejjem ittama fil-Madonna quddiem l-ikbar diffikultajjiet li ltaqa' magħhom hemm, b'mod speċjali meta l-Ġiżwiti telqu ħabta u sabta t-tmexxija tas-Seminarju fl-1909. Kien bil-ħidma sfiqa tiegħu li fi żmien sena rrnexxielu jipprepara tim ta' saċerdoti Għawdxin biex jaf-dalhom f'idejhom is-Seminarju.

Is-Saċeroti wkoll kienu minn dejjem fi ħsiebu. Organizza aħjar l-irtiri li kienu jsiru u hu stess kien jieħu sehem attiv fihom. Fil-Viżti Pasorali kien ikellem lis-saċerdoti wieħed wieħed u bil-paċenzja u bil-qalb jisma' s-suġġerimenti, it-tgergir, in-niket u t-talbiet tagħhom. Kien verament il-missier tal-Kleru.

Ħadem ukoll bi sħiħ biex ikabbar il-kultura reliġjuża tal-Għaxdxin. Ordna l-kappillani biex nhar ta' Ħadd fil-quddiesa prinċipali jagħmlu omelija fuq il-vanġelu. Fil-għaxija ried ukoll li jkompli t-tagħlim tal-katekiżmu. Daħħal l-Eżerċizzi Spiritwali fejn kienu għadhom ma jsirux. Heġġeġ il-qima ta' kuljum lejn Ġesù Ewkaristija u bil-barka tiegħu bdiet l-Adorazzjoni Perpetwa - infatti għadha sejra sal-lum - fil-Kinisja ta' Savina. Kabbar bi sħiħ id-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pinu u kellu x-xorti jegħleb mijiet ta' diffikultajiet u jpoġġi l-ewwel ġebla tas-Santwarju Nazzjonali ta' Pinu. Għall-insara li kienu jafu jaqraw ip-publika xejn inqas minn tmin volumi ta' Omeliji - il-priedki li kien jagħmel hu stess waqt il-Pontifikali fil-Katidral.

Kien hu ukoll li ta għarfien uffiċċjali lis-Sorijiet Dumnikani Maltin - li twaqqfu r-Rabat, Għawdex. Iżda bla dubju l-ikbar biċċa xogħol tiegħu bħala r-raba' Isqof ta' Għawdex kien L-Ewwel Sinodu Djoċesan li fih fassal programm ta' hidma pastorali moderna fid-Djoċesi Għawdxija.

## Lejn it-tmiem

Wara ħidma sfiqa għal kważi 35 sena, l-Isqof Camilleri talab lill-Papa Piju XI biex iħallih jirriżenja. Ħalla l-Għawdex għall-aħħar darba nħar l-10 ta' Lulju, 1924. Miet għand l-Agostinjani r-Rabat, Malta, nhar is-7 ta' Diċembru, 1925. Jinsab mid-fun fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex.